27 ta' Ġunju, 1953.

Imħallef :
L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Felice Camilleri et. *versus* John Saliba

**Lokazzjoni — Konġedo — Art. 16 tal-Kap. 109 u Art. 3 (b) ta' l-Ordinanza XXVIII ta' l-1947.**

*Ankorkè l-inkwilin iwiegħed lill-lokatur li jitlaq il-post jekk isib banda oħra, din il-wegħda weħedha mhix, b'liġi, biżżejjed biex tilleġittima t-talba tal-lokatur għall-iżgumbrament ta' l-inkwilin bażata fuq konġedo mogħti mill-inkwilin innifsu. Biex din il-wegħda tkun suffiċjenti biex tippuntella l-istanza tal-lokatur, jeħtieġ li jkun hemm xi bażi legali oħra.*

Il-Qorti — Rat it-talba ta' l-atturi quddiem il-Qorti Ċivili tal-Maġistrati ta' Malta għall-kundanna tal-konvenut biex jiżgombra mill-fond numru 9, Redeemer Street, Ħaż-Żabbar, fi żmien qasir u perentorju li jiġi stabbilit minn din il-Qorti,

minħabba li huwa ttermina l-lokazzjoni ta' l-istess fond, previja, jekk ikun hemm bżonn, id-dikjarazzjoni tat-terminazzjoni ta' din il-lokazzjoni. Bl-ispejjeż;

Rat il-verbal tat-30 ta' April 1953, fejn il-konvenut per mezz tad-difensur tiegħu eċċepixxa li hu qatt ma ttermina l-lokazzjoni msemmija fl-avviż;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tat-12 ta' Mejju 1953. li biha ċaħdet it-talba ta' l-atturi, bl-ispejjeż kontra tagħhom; billi kkunsidrat;

Illi l-pont li jrid l-ewwel jiġi eżaminat u deċiż huwa jekk il-konvenut tax avviż lill-atturi li kien sejjer jitlaq il-kera talpost imsemmi fl-avviż; u fil-każ li jirriżulta li l-konvenut ta effettivament dan l-avviż, wieħed ikollu jara jekk dan il-konġedo huwiex validu skond il-liġi;

Il-konvenut ittratta ma hu l-atturi, Leonardo Camilleri, u qatt ma ttratta ma' dan in preżenza ta' xi wieħed millatturi. Dana Leonardo Camilleri miet..............;

Minn dawn il-fatti jidher li l-konvenut qatt ma ta avviż lil Leonardo Camilleri, jew lil xi ħadd mill-atturi, li kien sejjer jitlaq mill-kera tal-post imsemmi fl-avviż; imma biss qallhom li kien dispost jitlaq il-kera ta' dak il-fond jekk huma jagħtuh il-flus li kien ħareġ fil-benefikati, jew jekk iħalluh jaqlagħhom — kondizzjonijiet li l-ebda waħda minnhom ma ġiet aċċettata mill-atturi;

*Omissis;*

Rat in-nota ta' l-appell ta' l-atturi, u ċ-ċitazzjoni li biha talbu r-revoka tas-sentenza fuq imsemmija u l-akkoljiment ta' l-istanza, bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi, ankorkè kellu jiġi ritenut li l-konvenut wiegħed lillatturi li jitlaq il-post jekk isib band'oħra, din il-wegħda weħedha m'hijiex, b'liġi, biżżejjed biex tilleġittima l-istanza ta' l-atturi (ara art. 16 Kap. 109 kif emendat bl-art. 3 (b) Ordinanza XXVIII ta' l-1947);

It-test tal-liġi hu ċar, u ma hijiex permessa l-interpretazzjoni kontra l-ittra ċara tal-liġi; "molto meno" hija ammissibili d-distinzjoni li jrid jagħmel id-difensur ta' l-atturi

fis-sens li, jekk il-kondizzjoni tivverifika ruħha, allura d-dispożizzjoni ċitata ma tapplikax. Il-kelma "biss" ma tistax tfisser ħaġ'oħra ħlief dak li hu s-sens letterali tagħha, li ċjoè dik il-wegħda weħedha mhijiex suffiċjenti biex tippuntella l-istanza, u jeħtieġ li jkun hemm xi bażi legali oħra. Is-sentenzi ċitati fin-nota fol. 10 ma jgħoddux għall-każ, għaliex allura ma kienetx teżisti d-dispożizzjoni fuq imsemmija;

Apparti dan, però, din il-Qorti taqbel ma' dik ta' l-Ewwel Grad li f'dana l-każ kull dikjarazzjoni tal-konvenut kienet subordinata għall-ħlas tal-benefikati kollha, jew għall-qlugħ tagħhom mill-parti tal-konvenut — liema kondizzjoni l-atturi ma aċċettawx, u kwindi ma fforma ruħu ebda impenn vinkolanti;

Għalhekk tiddeċidi;

Billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-atturi.